MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 54/1986/1

Joseph Vella bin il-mejjet Peter
vs
Carmen mart Natalino Abela, Grace mart Guzeppi Abela, Pasqualina mart Anthony Abela, Angela mart Anthony Aquilina, Rosaria mart Salvatore Bonavia, Maria Teresa armla Borg, u b’digriet tas-16 ta’ Novembru 2009 l-atti gew trasfuzi f’isem Carmelo, Godfrey, George u Louis ahwa Borg, Grace mart Salvatore Briffa, Angelo Camilleri, Anthony Camilleri, Felix Camilleri, Margherita Camilleri, xebba, Sister Mary Anne Camilleri, Rosina mart Guseppi Camilleri, Rose armla ta’ Emanuel Cauchi, Carmen mart Lawrence Coleiro, Pasqualina mart Alfred Coleiro, Grace mart Victor Cutajar, Theresa mart George Dalli, Anne Darmanin, xebba, Carmel Darmanin, Felix Darmanin, Francis Darmanin, Grazio Darmanin, Joseph Darmanin, Marianna mart Saviour Darmanin, Mary Anne armla ta’ Francis Saviour Darmanin f’isimha proprju u f’isem l-assenti hutha Leonard Xuereb u Josephine mart Ernest Melton, Paul Darmanin, Paula mart Dincent Degiorgio, u b’digriet tas-16 ta’ Dicembru 2011 l-atti gew trasfuzi f’isem

John Degiorgio, Antonia mart Joseph Demanuele, Frances mart Grezzju Farrugia, Mary Grace mart Michael Fenech, Mary mart Joseph Gatt, Grazio Gerada, Joseph Gerada f'ismu proprju u f'isem l-assenti huh Nazzareno Gerada, Catherine mart John Mercieca, Pauline mart Charles Miceli, Grace mart Giuliano Mizzi, Carmel Pulis u b'digriet tat-12 ta' Lulju 2005 l-atti gew trasfuzi f'isem Lorenza Pulis, Joseph Pulis, Saviour Pulis, Josephine mart Grazio Pullicino, Angela Scicluna, xebba, Emanuel Scicluna, Grazio Scicluna, Nazarene Scicluna, Pasqualina mart Francis Scicluna, Pasqualina mart Grezzju Seychell, Giorgia mart Lawrence Spagnol, Anthony Vella, Catherine Vella, Carmelo Vella, Emanuel Vella, Giovanni Vella, Grezzju Vella, Joseph Vella bin il-mejjet Francesco, Marianna armla ta' Carmelo Vella, Michael Vella, Paul Vella bin il-mejjet Anthony, Paul Vella bin il-mejjet Francesco f'ismu proprju u f'isem l-assenti ohtu Sister Teresa Vella u b'digriet tal-25 ta' Lulju 2005 l-atti gew trasfuzi f'isem Maria mart Emanuele Sammut, Rose mart Anthony Vella u b'digriet ta' l-14 ta' Dicembru 2005 l-atti gew trasfuzi f'isem George, Mary Anne u Carmela ahwa Vella, Salvatore Vella bin il-mejjet Guzeppi, Saviour Vella bin il-mejjet Anthony, Michael Xuereb u b'digriet tas-16 ta' Dicembru 2011 l-atti gew trasfuzi f'isem Maryanne Darmanin, Josephine Melton u Anthony, Marguerite, Maxine Felicia, Maria Florence, Loraine u Jennifer ahwa Xuereb, Rosina mart George Xuereb, Grazio Zahra bin il-mejjet Luigi, Grazio Zahra bin il-mejjet Francesco, Lawrence Zahra, Carmen mart Carmel Zammit, Mary mart Joseph Zammit, u Dr. Anthony Farrugia Sacco u l-Prokuratur Legali Carmen Depasquale nominati b'digriet tal-20 ta' Jannar 1986, kuraturi deputati biex jirrappresentaw lill-assenti Mary mart Emanuel Borg, Grace mart Andy Charlesworth, Antonia mart Joseph Fava, Antonia mart Christ Stubbs, Liberato Vella, u Teresa mart Francis Wickramasinghe

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**

Rat ic-citazzjoni ta' l-attur li biha ippemeta:

Illi l-kontendenti jippossjedu indivisament bejniethom fil-kwoti ndikati fin-nota annessa mac-citazzjoni u immarkata “Dok A” l-art f’Haz-Zabbar maghrufa bhala “Tal-Lunzjata” tal-kejl ta’ cirka sebgha u disghin (97) metri kwadri, li tmiss grigal ma’ Triq ic-Cawsli, xlokk ma’ Sqaq numru erbgha (4), Triq il-Kbira, Lbic ma’ beni tal-werrieta ta’ Gorg u Appolognia Tabone, u tinsab murija fi pjanta annessa mac-citazzjoni u immarkata “Dok B”;

Illi din l-art mhix komodament divisibbli fil-kwoti ndikati fl-imsemmi anness “Dok A”;

Illi l-attur ma jridx jibqa’ aktar jippossjedi in komunjoni mal-konvenuti;

L-attur talab lill-Qorti:

1. Tordna l-bejgh in licitazzjoni tal-imsemmija proprjeta`, prevja n-nomina ta’ perit biex jistma l-istess proprjeta`;

2. Konsegwentement tordna li l-prezz tal-proprjeta` meta tigi mibjugha jinqasam bejn il-kontendenti kollha skond l-indikati kwoti;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mill-attur.

**B. ECCEZZJONIJIET:**
Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet ta’ Josephine mart Grazio Pullicino li biha eccepiet:

1. Illi salv il-verifika tal-partijiet kollha u salv il-verifika tal-konsistenza tal-beni l-konvenuta ma topponix ghat-talba attrici.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-rikjarazzjoni prezentata mill-konvenuta.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet ta’ Mary Anne armla ta’ Francis Saviour Darmanin f’isimha proprju u f’isem l-assenti hutha Leonard Xuereb u Josephine mart Ernest Melton u Michael Xuereb li biha eccepiet:

1. Illi salv il-verifika tal-partijiet kollha u salv il-verifika tal-konsistenza tal-beni l-konvenuta ma topponix ghat-talba attrici.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenuta.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet ta’ Rose armla ta’ Emanuel Cauchi, Pasqualina mart Anthony Abela, Theresa mart George Dalli, Mary mart Joseph Gatt, Grazio Gerada, Joseph Gerada f’ismu proprju u f’isem l-assenti huh Nazzareno Gerada li biha eccepew:

1. Illi salv in-notifika tal-partijiet kollha u salv il-verifika tal-konsistenza tal-beni l-konvenuti ma jopponux ghat-talba attrici.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenuti.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet ta’ Grace mart Giuliano Mizzi li biha eccepiet:

1. Illi salv il-verifika tal-partijiet kollha u salv il-verifika tal-konsistenza tal-beni l-konvenuta ma topponix ghat-talba attrici.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-dikjarazzjoni prezentata mill-konvenuta.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ta' l-Avukat Dottor Anton Farrugia Sacco u l-Prokuratur Legali Carmen Depasquale nominati b'digriet tal-20 ta' Jannar 1986 kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Mary mart Emanuel Borg, Grace mart Andy Charlesworth, Antonia mart Joseph Fava, Antonia mart Christ Stubbs, Liberato Vella u Theresa mart Francis Wickramasingh li biha eccepew:

1. Illi m'humiex edotti, u irriservaw li jaghtu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri.

Rat ir-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda prezentati mill-Kuraturi Deputati.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuta Paula mart Vincent Degiorgio li biha eccepiet:

1. Preliminarjament illi t-talba ta' l-attur hija intempestiva, *stante* li qabel giet istitwita l-kawza odjerna l-konvenuta la kienet taf u lanqas ma giet interpellata biex tersaq ghad-divizjoni ta' l-art riferita mill-attur; u ghalhekk hija ma ghandhiex tbati spejjez.

2. B'riserva ta' eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenuta.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ta' Saviour Pulis, Joseph Pulis, Carmel Pulis, Pasqualina mart Alfred Coleiro, Rosina mart George Xuereb, Mary mart Joseph Zammit li biha eccepew:

1. Illi preliminarjament jidher illi l-gudizzju mhux integru billi trid tidhol ukoll bhala konvenuta Grace Scicluna, illi tigi ohthom.

2. Bla pregudizzju ghall-premess huma ma jopponux ghal fatt illi l-proprjeta` in komuni tigi divisa kif mitlub mill-atturi, wara verifika tal-kwoti kollha relattivi u dejjem bil-fakolta` li huma jkunu jistghu joffru a basi ta' sehemhom mill-istess proprjeta`.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat ir-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenuti.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ta' Joseph Pulis li biha eccepixxa:

1. Illi salv il-verifiki tar-rispettivi kwoti tal-kondividendi, il-konvenut ma jopponix ruhu ghall-bejgh in licitazzjoni tal-proprjeta` msemmija u l-qsim tal-prezz bejn l-istess kondividendi.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenut.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ta' Paul Vella li biha eccepixxa:

1. Illi salv il-verifika tal-koproprjetarji u ghalhekk ukoll tal-kwota li tmiss lil kull wiehed il-konvenut ma ghandux oggezzjoni ghad-domandi attrici.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenut.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuti Grazio Zahra bin il-mejjet Luigi u Pasqualina mart Grezzju Seychell li biha eccepew:

Illi huma ma jopponux li ssir il-licitazzjoni mitluba mill-attur izda jridu qabel xejn jivverifikaw li l-kwoti indikati mill-attur f'Dokument 'A' anness mac-citazzjoni huma tajbin fil-konfront taghhom.

L-attur jibqa' ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenuti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Fit-18 ta' Awwissu 1986, il-Qorti innominat bhala Perit Legali lil Dr. Tonio Mallia.

Fil-verbal datat 14 ta' Ottubru, 2003, il-Perit Legali, Dr. Tonio Mallia, minhabba li gie elevat ghall-gudikatura, gie sostitwit minn Dr. Malcolm Mifsud.

Rat in-nota dwar il-lista geneologika kif ukoll kwoti tal-partijiet fil-kawza a fol 527 sa 542 tal-process, kif ukoll a fol 603 sa 605

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Legali Dr. Malcolm Mifsud fejn semma:
"Illi gew pprezentati l-kuntratt pubbliku 22 ta' Jannar 1893, numru sostanzjali ta' certifikati tat-twelid u tal-mewt u ricerki testimentari, testment ta' Margerita Camilleri tal-15 ta' Settembru 1970, testment ta' Rev. Dun Salvatore Camilleri tat-13 ta' Gunju 1978, testment ta' Annuziata Camilleri tat-13 ta' Dicembru 1974, testment ta' Joseph Camilleri tas-7 ta' Lulju 1971, testment ta' Teresa Camilleri tat-13 ta' Dicembru 1974, testment ta' Andrea Xuereb tad-9 ta' April 1964, testment ta' Joseph Gatt tal-15 ta' Ottubru 1990, testment ta' Francesco Zahra tad-19 ta' Novembru 1995, testment ta' Giuseppe Gerada tat-3 ta' Settembru 1968, testment ta' Luigi Pulis tad-9 ta' Jannar 1945, testment ta' Grazia armla ta' Carmelo Bonnici tas-16 ta' Jannar 1971, testment ta' Giuseppa armla minn Michele Bianco tal-5 ta' Novembru 1954, kuntratt ta' biegh tat-18 ta' Novembru 1970 minn Joseph Casha lil Joseph Vella.

Illi gew pprezentati kuntratti ohra u ricerki testimentali.

Illi l-Perit Legali jaghmel referenza ghall-Lista Geneologika li giet pprezentata (a fol.523 – 528) [illum fol.531 sa 536] u minn ezami ta' tali dokument, flimkien ma' dokumenti ohra jidher li huwa preciz u jaghti l-kwoti ezatti ta' kull werriet;

**Konkluzjoni**

Illi l-perit legali jirrakkomanda dina l-Qorti sabiex tilqa' t-talbiet ta' l-attur billi:
1. Tordna l-bejgh ta' licitazzjoni tal-imsemmija proprjeta`, prevja n-nomina ta' perit biex jistma l-istess proprjeta`;
2. Konsegwentement tordna li l-prezz tal-proprjeta` meta tigi mibjugha jinqasam bejn il-kontendenti fi kwoti, skond id-dokument anness."

Fil-verbal datat 4 ta' Novembru, 2009, il-Qorti innominat lill-Perit Musumeci ghall-iskop tal-licitazzjoni.

Gie prezentat rapport tal-Perit Arkitet Robert Musumeci fejn semma s-segwenti:
"Illi minn dak li rrizulta waqt l-imsemmi access irid jinghad li l-proprjeta' *de quo* tikkonsisti minn porzjon ta' art li tinsab f'kantuniera, tal-kejl circa 97 metri kwadri. Din l-art tmiss grigal ma' Triq ic-Cawsli u xlokk ma' Sqar Nru erbgha (4) fi Triq il-Kbira Zabbar. L-imsemmija art tikkonfina mal-bini fuq zewg nahat - bini fuq sular wiehed li jikkonsisti minn kostruzzjoni pjuttost antika b'access minn Sqaq Numru erbgha (4), fi Triq il-Kbira u bini li jikkonsisti minn kostruzzjoni aktar ricenti, b'access minn Triq ic-Cawsli u appogg li jmiss mal-proprjeta' *de quo* b'gholi ta' zewg sulari 'il fuq mit-triq.

Illi fil-hajt li jappogja mal-binja l-antika (u cioe` l-binja li ghandha access minn Sqaq Numru erbgha (4), fi Triq il-Kbira) gie osservat li jezistu zewg aperturi zghar li jharsu direttament fil-pozjon ta' art mertu ta' din il-kawza.

Illi fl-istess hajt li jappoggja mal-binja antika, gie osserat access mbarrat bil-gebel.

Illi fl-istess hajt li jappoggja mal-binja antika, gie osservat travu tal-hadid, tat-tip *I beam*, li jinvadi l-art tas-sit *de quo* bi ftit pulzieri.

Illi gie osservat ukoll li ma saret ebda kostruzzjoni fl-art mertu tal-kawza salv ghal kostruzzjoni ta' filata wahda in linea mal-konfini ta' l-istess sit.

Illi skond il-Pjan Lokali tan-Nofsinhar ta' Malta, irid jinghad li din il-porzjon ta' art hi rregolata minn Map ZA4 li tinsab fl-istess pjan.

Illi pero', irid jinghad illi l-istess Pjan ma jindika car x'tip ta' zvilupp jista' jsir fl-imsemmija art u ghalhekk l-esponenti talab kjarifika ufficjali minn ghand l-Awtorita' ghall-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA) permezz ta' numru ta' *emails* li qed jigu annessi bhala **Dokument A**.

Illi finalment, il-MEPA wiegbet permezz ta' *email* datata 21 ta' Jannar 2010 **(kopja tinsab f'Dokument A)**, mibghuta mis-Sur Marco Attard Portughes ghan-nom ta' l-istess Awtorita`, fejn Attard Portughes stqarr dan li gej:

"*Following your query regarding the site in question at Triq ic-Cawsli, Paola* (Is-sustanza ta' l-email tirreferi ghal Triq ic-Cawsli f'Haz-Zabbar u mhux Paola kif indikat erronjament, peress li *Maps* (ZA1 & ZA2) jirreferu ghal Haz-Zabbar u mhux Paola), *please note that following internal consulation on this specific case, the policy direction and recommendations for the development of this site is as follows: That the site can be considered for development; That the building height limitation for this plot is of 2 floors without semi-basement; and that the zoning is to follow the zoning identified in the Policy Maps (ZA1 & ZA2), i.e. Secondary Town Centre (Policy SMCM 01) zoning.*"

Illi l-esponenti qed jannetti *site plan*, pjanta tas-sit li turi l-qisien rilevanti kif ukoll numru ta' ritratti tas-sit *de quo* li ttiehdu waqt l-access bhala **Dokument C**.

Meta l-esponent ikkunsidra l-fatturi rilevanti kollha, inkluz il-lokazzjoni, it-tip ta' proprjeta' u l-prezz tas-suq ta' proprjetajiet ohra simili, hija l-fehma ta' l-istess esponent li **l-prezz ta' €197,000 (mija u sebgha u disghin elf Ewro) hu wiehed gust u ragjonevoli**."

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

***D1. Divizjoni u licitazzjoni:***

Illi f'**Ellul vs Coleiro** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' April 1959 gie ritenut li:
"…huwa *ormai* pacifiku fil-gurisprudenza taghha l-aktar ricenti li, biex jitlob il-likwidazzjoni ta' wirt li hija preordinata ghad-divizjoni, huwa mehtieg li l-attur ikun werriet jew ghall-anqas legittimarju."

Fil-kawza **Grech Carmelo vs Dr. Tonio Azzopardi** deciza minn din il-Qorti kif presjeduta fit-28 ta' Jannar 2005 intqal:
"Illi l-kwistjoni tal-bejgh b'licitazzjoni, meta wiehed mis-sidien tal-fond ma jridx jibqa' aktar bi shab ma ohrajn, hija regolata bl-Artikoli 515 sa 523 tal-Kodici Civili. Illi skond l-Artikolu 518 (1), meta l-komproprjetarji kollha jaqblu dwar bejgh b'licitazzjoni, ma hija mehtiega l-ebda formalita, u tista' ssir bil-mezz li l-komproprjetarji jiftehmu. Izda, meta ma jkunx hemm qbil bejn il-komproprjetarji kollha, l-ghazla ta' liema procedura ghandha tigi esegwita hija mhollija f'idejn il-Qorti."

Illi t-talba sabiex fond mizmum minn ghadd ta' sidien jinbigh b'licitazzjoni, trid tigi ezaminata skond il-principji elenkati fil-ligi li jirregolaw il-qasma tal-beni in komun. F'dan il-kuntest, ta' min isemmi l-Artikolu 502 tal-Kap 16 li jtenni li:
"Kull wiehed mill-komproprjetarji ghandu jedd jiehu s-sehem tieghu tal-beni in natura". *Purche`* li dan jista' jsir "bla xkiel u minghajr hsara" skond l-Artikolu 501 (2) tal-Kap 16.

Principju iehor jitnissel mill-Artikolu 496 tal-Kodici Civili fejn jinghad li:
“Hadd ma jista’ jkun imgieghel jibqa’ fil-komunjoni, kull wiehed mill-komproprjetarji jista’ dejjem, ghad li jkun hemm ftehim xort’ ohra, jitlob il-qasma, kemm-il darba ma jkunx hemm b’testment li din il-qasma m’ghandhiex issir…..”

F’dan il-kuntest, ta’ min ighid ukoll, li l-licitazzjoni hija l-eccezzjoni ghar-regola u tikkwalifika bhala rimedju straordinarju. Fis-sentenza **Rita Grech *et* vs Giuseppe Zammit *et*** deciza mill-Appell Civili fil-15 ta’ Lulju 1969, inghad li:
“il-licitazzjoni tibqa’ rimedju straordinarju u eccezzjonali hafna u konsentita biss meta d-divizjoni ma tistax issir komodament u minghajr hsara, ossija minghajr pregudizzju tal-kondividendi”.

Illi l-Artikolu 515 tal-Kodici Civili jfisser f’liema cirkostanzi ghandha ssir bejgh b’licitazzjoni u hu specifikament imsemmi, “Meta l-beni in komun ma jistghux jigu maqsuma bla xkiel u bla hsara,…”

Illi huwa importanti hafna li jigi ezaminat jekk l-immobbli hux komodament divizibbli jew le. Huwa minnu li l-kondividendi ghandhom dritt jikkonsegwixxu s-sehem taghhom in natura. Kif inghad f’**Giuseppe Galea *et* vs Jessie Borg** deciza mill-Qorti Civili Prim’Awla, fit-28 ta’ April 2003:
“Dan id-dispositiv, (li jezisti fl-Artikolu 502) s’intendi jrid jigi ko-ordinat mad-dispositiv l-iehor li jipprovdi li biex issir il-qasma materjali, hemm bzonn li l-fond ikun komodament divizibbli u bla diskapitu (Artikolu 515 tal-Kapitolu 16).

Fil-kawza **Giuseppe Zammit vs Ludgarda Grech** deciza mill-Prim’Awla fit-8 ta’ Marzu, 1983 intqal:
“Meta beni komuni jistghu jigu divizi bejn il-komproprjetarji, it-terminazzjoni tal-komunjoni ghandha ssir bil-mezz tad-divizjoni. Jekk il-beni in komuni ma jistghux jigu maqsuma komodament u bla diskapitu, dawn

il-beni ghandhom jigu mibjugha b'licitazzjoni sabiex jinqasam il-prezz taghhom".

F'dan l-istess kaz, gie ikkwotat, **Speranza Vella vs Antonio Sciberras *noe*** deciza mill-Prim'Awla Qorti Civili fis-6 ta' Marzu 1948, fejn gie ritenut li:
"meta l-beni ma jistghux jinqasmu komodament minghajr ekwiparazzjonijiet esagerati u sproporzjonati, ghandhom jigu licitati".

Fil-kawza fl-ismijiet **Herbert Conti vs George Tonna** deciza mill-Prim'Awla fl-24 ta' Marzu, 1983 intqal:
"Mill-banda l-ohra l-artikolu 552 tal-Kodici Civili jipprovdi li jekk il-beni in komun ma jkunux jistghu jigu maqsum bal xkiel u bla hsara, u ma tkunx tista' issir tpattija b'beni ohra in komun ta' xorta differenti, izda ta' l-istess valur, dawn il-beni jigu mibjugha b'licitazzjoni sabiex jinqasam il-prezz taghhom."

Ara wkoll **Edwards Major Joseph vs Cuschieri Dr. Leslie *et*** deciza mill-Prim'Awla fit 22 ta' Jannar, 1999.

Illi l-kwistjoni tal-bejgh b'licitazzjoni, meta wiehed mis-sidien tal-fond ma jridx jibqa' aktar bi shab ma' ohrajn, hija regolata bl-Artikolu 515 sa 523 tal-Kodici Civili. Illi skond l-Artikolu 518 (1), meta l-komproprjetarji kollha jaqblu dwar bejgh b'licitazzjoni, ma hija mehtiega l-ebda formalita`, u tista' ssir bil-mezz li l-komproprjetarji jiftehmu. Izda, meta ma jkunx hemm qbil bejn il-komproprjetarji kollha, l-ghazla ta' liema procedura ghandha tigi segwita hija mhollija f'idejn il-Qorti. Huwa stipulat ukoll fl-Artikolu 516 li:
"Meta hemm lok ghal licitazzjoni, din tista' tigi mitluba minn kull wiehed mill-komproprjetarji, ikun kemm ikun sehmu fil-haga."

(Ara **Grech vs G. Zammit –** Appell Civili 15.07.69, **Giovanni Bugeja vs Prof. Don P.P. Saydon (**25.02.1946) Vol. 32 p.1. p. 368, u **Kurunell Stephen Borg *noe* vs AIC Gustavo Romeo Vincenti –** App Civ. 29.03.1957).

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk il-Qorti wara li qablet mal-lista tal-kwoti a fol 531 sa 536 u taqbel ma' l-istess, wara li rat ir-rapport tal-Perit Legali (fol 627 *et*) u taghmel taghha l-konkluzjonijiet hemmhekk milhuqa, u wara li rat ir-rapport tal-Perit Musumeci li ghamel l-istima ta' €197,000 (mija u sebgha u disghin elf Ewro) li l-Qorti tqis wiehed gust u ragjonevoli, tordna l-bejgh in licitazzjoni ta' l-imsemmija proprjeta`.

Konsegwentement tordna li l-prezz tal-proprjeta` meta tigi mibjugha jinqasam bejn il-kontendenti kollha skond l-indikati kwoti.

Spejjez skond il-kwoti rispettivi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------